MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 631/2004

**Autotechnik Limited**

**Vs**

**Carmelo Dimech**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rapprezentanti valur ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu mis-socjeta' attrici.

Ra illi l-konvenut Carmelo Dimech, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap.12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-1 ta' Frar, 2006, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------